# Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Is-Sena Ewropeja tal-Persuni b'Diżabilità

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Persuni b'Diżabilità

IT-TIENI SENA

Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb
minn fuq il-homepage tal-Kummissjoni
jew fuq audio mill-uffiċini tal-Kummissjoni.

An English version of this book is available
on the Commission's website
or from the Commission's office.

**Editur:**
Fred Bezzina

**Pubblikazzjoni:**
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità,
Ċentru Ħidma Soċjali,
Santa Venera
Tel: 21 487 789
Fax: 21 484 609
Textelefon: 21 446 536
E-mail: eocu@knpd.org

www.knpd.org



L-ewwel sena ta' ħidma tal-Liġi Opportunitajiet kienet sena ta' prova għalina: kollox ġdid u kollox mistur. Matul dik is-sena konna qisna tarbija li qed tiegħu l-ewwel passi tagħha... ħerqana, imma fl-istess waqt beżżana għax ma tafx x'se ssib ma' wiċċha.

# Daħla

Din kienet sena li matulha l-Kummissjoni ħaddmet il-Liġi fuq tliet binarji. L-ewwel, il-Kummissjoni kienet reattiva, jiġifieri, investigat ilmenti li saru direttament minn persuni b'diżabilità, minn familjari tagħhom, jew minn għaqdiet volontarji li jaħdmu f'dan il-qasam. It-tieni, il-Kummissjoni kienet pro-attiva, billi użat il-Liġi Opportunitajiet Indaqs bħala għodda sabiex tħaffef il-pass tal-bidla; dan għamlitu billi, hi stess, bdiet proċeduri ta' investigazzjoni u negozjar ma' entitajiet differenti. It-tielet, il-Kummissjoni bdiet il-proċess biex jiġu mfassla regolamenti għall-proċedura tal-Qorti fil-konfront ta' din il-Liġi.

Fejn fl-ewwel sena ta' ħidma tal-Liġi aktar għafasna fuq dak li hu investigar ta' l-ilmenti, f'din it-tieni sena ta' ħidma rajna li l-Kummissjoni kellha lmenti quddiemha li jinstabu f'kull stadju tal-proċess legali, ċjoè, fl-istadji ta' investigar; negozjar; arbitraġġ; protest ġudizzjarju; każijiet fil-Qorti, u ta' każijiet konklużi b'sodisfazzjon għall-partijiet kollha konċernati.

Fil-kamp ta' l-Edukazzjoni, kif wieħed kien jistenna, l-ilmenti ffukaw fuq il-provediment ta' Facilitators, kemm dawk li jaħdmu fi skejjel

regolari, kif ukoll dawk li qegħdin fi skejjel tal-knisja, jew indipendenti.

Kif kien mistenni, ilmenti dwar Aċċess Fiżiku komplew jiddominaw it-tħaddim tal-Liġi. Dawn l-ilmenti jinkludu: Ministeri, Diviżjonijiet u dipartimenti governattivi, kunsilli lokali, ċentri tas-saħħa, klinika medika, toroq, knejjes, oratorju parrokkjali, ċentri ta' l-arti, il-Qorti, ċimiterji, ristorant, ħwienet li jbigħu apparat li jintuża minn persuni b'diżabilità u lukandi.

Rigward il-Provista ta' Servizzi, il-Liġi ħadmet fuq ilment minn persuni b'nuqqas ta' smigħ dwar servizzi tat-towing, kif ukoll ilment dwar l-għoli tal-kaxxi ta' l-ittri.

**Fis-settur tad-Djar kien hemm ilment wieħed.**

Il-Kummissjoni tat bidu wkoll għal ħidma ġdida, dik li jsir ftehim ġenerali ma' entitajiet kbar, sabiex fl-operat kollu tagħhom dawn iħarsu l-provedimenti tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs, billi jtejbu l-aċċess fiżiku tal-bini tagħhom, billi jagħtu trattament indaqs lill-klijient b'diżabilità fis-servizzi li joffru, u billi jiġgarantixxu opportunitajiet indaqs lill-impjegati kollha tagħhom (f'dak li hu reklutaġġ, ħlas, u opportunitajiet għal overtime u promotions).

Fl-aħħar, il-Kummissjoni ppreparat abbozz tar-regolamenti għall-proċedura tal-Qorti vis-à-vis din il-Liġi. Il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-proposti tagħha ġew aċċettati mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Qorti u diġà bdew jiġu utilizzati. Biss għad fadal li dawn jiġu approvati formalment mill-Awtorità tal-Qrati u wara li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kummissjoni kitbet lill-Prim Imħallef il-ġdid biex dan il-proċess jintemm fl-iqsar żmien possibbli.

Irridu nerġgħu nemfasizzaw li s-suċċess ta' din il-Liġi ma jitkejjilx bin-numru ta' każi li għandna l-Qorti, iżda bin-numru ta' każijiet fejn intlaħqet soluzzjoni ġusta. Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-progress ta' bidla li qed isir bis-saħħa tal-Liġi. Dan ma jfissirx li ma nixtiqux li l-pass tal-progress kien aktar mgħaġġel, Iżda nemmnu bis-sħiħ li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs qed ikollha l-effett mixtieq: dak li tħaffef, b'ritmu meqjus, il-proċess ta' bidla, sabiex, fuq livell nazzjonali, naraw titjib konkret fil-kwalità ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità kollha f'pajjiżna.

**Joseph M. Camilleri**
Chairperson,
Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

**Marianne Debono**
Manager, Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs





Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) għalqet sentejn. F'Ottubru 2001, it-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) ppreżentat lill-pubbliku Malti rendikont tal-ħidma tagħha permezz ta' ktejjeb maħruġ għal dan il-għan. F'dan il-ktejjeb aħna konna wegħidna li nżommu dan l-appuntament mal-pubbliku kull sena. Din it-Taqsima qed terġa' tagħti rendikont tat-tieni sena tal-ħidma tagħha permezz ta' din il-pubblikażzjoni.

# Ħarsa Ġenerali

Din it-Taqsima fi ħdan il-Kummissjoni tirċievi ilmenti ta' diskriminazzjoni skond sitt oqsma ġenerali li huma:

- Ix-Xogħol
- L-Edukazzjoni
- L-Aċċess
- L-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi
- Id-Djar
- L-Assigurazzjoni.

## ILMENTI

Matul din is-sena, il-Kummmissjoni rċeviet 63 ilment meta mqabbel ma' 92 ilment li kienet irċeviet fl-ewwel sena. Dan hu tnaqqis ta' 29 każ jew inkella ta' madwar 32 fil-mija. Biss wieħed irid jiftakar li għalkemm il-liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000, it-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs bdiet il-ħidma tagħha minn mindu l-Parlament Malti għadda din il-liġi jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2000. Dan ifisser li l-ewwel rapport hu ta' madwar 20 xahar waqt li t-tieni hu ta' 12-il xahar biss. Għaldaqstant dan it-tnaqqis hu wieħed spjegabbli ħafna.

## ILMENTI

| | 2000/2001 | | 2001/2002 | | 2000/2002 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Tip** | **Nru** | **Perċentwal** | **Nru** | **Perċentwal** | **Total** | **Perċentwal** |
| Xogħol | 13 | 14 | 9 | 14 | 22 | 14 |
| Edukazzjoni | 10 | 11 | 5 | 8 | 15 | 10 |
| Aċċess | 48 | 53 | 38 | 60 | 86 | 55 |
| Għoti ta' Oġġetti u Servizzi | 18 | 20 | 10 | 16 | 28 | 18 |
| Assigurazzjoni | 2 | 2 | 0 | 0 | 2 | 1 |
| Djar | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 1 |
| **Total** | **92** | **100%** | **63** | **100%** | **155** | **100%** |

Jekk wieħed jeżamina ftit it-tqassim li hemm ta' dawn l-ilmenti wieħed jara li bejn wieħed u ieħor inżammu l-istess tendenzi. L-Aċċess baqgħet l-akbar taqsima għax gibdet 38 ilment jiġifieri 60 fil-mija tal-ilmenti kollha. Dan juri żieda ta' 7 fil-mija fuq il-perjodu ta' qabel. Ma hemmx dubbju li l-aċċess hu importanti ħafna biex il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom ikollhom kwalità tajba ta' ħajja l-aktar meta wieħed jiftakar li diversi servizzi oħra jiddependu minnu. Madankollu l-Kummissjoni mhix kuntenta għall-aħħar b'din is-sitwazzjoni u ser tieħu miżuri biex ikun hemm aktar bilanċ fil-ħidma ta' din it-Taqsima. Wieħed ukoll irid jiftakar li l-Aċċess hu xi ħaġa konkreta u allura d-diskriminazzjoni minħabba dan il-fattur tidher aktar u hi ħafna aktar faċli li tippruvaha.

Punt ieħor ta' min jiddiskuti hu l-fatt li din it-Taqsima ftit li xejn kellha lmenti fuq diskriminazzjoni fl-oqsma ta' djar u ta' assigurazzjoni. Jekk ma ssirx analiżi sewwa ta' din is-sitwazzjoni wieħed jista' jinkkonkludi li f'dawn l-oqsma l-persuni b'diżabilità mhumiex jiġu ddiskriminati. Però ma hemmx dubbju li hemm fatturi oħra li jridu jiġu kkunsidrati qabel ma wieħed jasal għal konklużjoni bħal din. L-ewwel nett, f'Malta numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità għadhom joqgħodu mal-familji tagħhom, ħafna minnhom, minħabba li d-dħul finanzjarju tagħhom ma jippermettilhomx ifittxu akkomodazzjoni għal rashom. Ma hemmx dubbju li dan hu fattur determinanti għala ftit li xejn il-Kummissjoni qed tirċievi ilmenti ta' diskriminazzjoni f'dan is-settur. Rigward l-assigurazzjoni wieħed irid jiftakar ukoll li barra li l-persuni b'diżabilità, bħala grupp, għandhom dħul finanzjarju pjuttost baxx u għalhekk ftit jistgħu jaffordjaw li jassiguraw lilhom infushom u l-propjetà tagħhom, wieħed irid jiftakar ukoll li l-kultura Maltija in ġenerali favur assigurazzjoni għadha waħda mhix qawwija.

Fil-qasam ta' l-Edukazzjoni u x-Xogħol, għalkemm in-numri huma aktar, xorta għadhom baxxi. Il-livell ta' lmenti bħala perċentwal baqgħu l-istess fuq iż-żewġ perjodi. L-ilmenti fl-għoti ta' servizzi u oġġetti hu aktar aċċettabbli u wkoll, bħala perċentwal baqa' fuq l-istess livell ta' l-ewwel perjodu.

### Kontra min saru l-Ilmenti

Jekk wieħed jeżamina kontra min saru l-ilmenti u jqabbilhom maċ-ċifri tas-sena l-oħra wieħed isib din is-sitwazzjoni:

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

| | 2000/2001 | | 2001/2002 | |
|---|---|---|---|---|
| **Tip ta' Organizzazzjoni** | **Nru** | **Perċentwal** | **Nru** | **Perċentwal** |
| Gvern | 37 | 40 | 19 | 30 |
| Parastatali | 21 | 23 | 10 | 16 |
| Kunsilli Lokali | 6 | 7 | 13 | 21 |
| Knisja | 9 | 10 | 12 | 19 |
| Privat | 17 | 20 | 9 | 14 |
| Mhux Magħruf | 2 | 2 | 0 | 0 |
| **Total** | **92** | **100%** | **63** | **100%** |

Għal darba oħra l-akbar numru ta' lmenti kien kontra l-Gvern (30%) għalkemm din iċ-ċifra naqset sostanzjalment jiġifieri b'10 fil-mija. Tnaqqis ieħor ġie reġistrat fil-konfront tal-kumpaniji parastatali

(7%) u fis-settur privat (6%). Fil-każ tal-Kunsilli Lokali u l-Knisja l-perċentwali ta' lmenti żdiedu b'14% u 9% rispettivament minħabba li l-Kummissjoni bdiet strateġija li:

a) tagħmel ilment dwar l-aċċessibilità tal-Kunsilli Lokali fejn hemm it-Tribunal Reġjonali;
b) tagħmel ilment dwar l-aċċessibiltà tal-knejjes parrokkjali u bdejna bl-ewwel 10 fil-lista alfabetika.

Jekk wieħed kellu jgħodd l-ilmenti kollha li saru kontra entitajiet iffinanzjati mill-Gvern (Gvern, Parastatali u Kunsilli Lokali) issib li l-perċentwal jitla' għal 67% li hu bejn wieħed u ieħor fl-istess livell tas-sena l-oħra. Wieħed irid jinnota li l-livell ta' lmenti mhuwiex l-indikatur ewlieni tal-livell ta' opportunitajiet indaqs li dawn l-entitajiet joffru lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

Jekk nidħlu ftit aktar fil-fond u naraw kontra min saru l-ilmenti matul din is-sena skond l-entitajiet differenti, insibu din is-sitwazzjoni:

**KONTRA MIN**

| | Aċċess | Edukazzjoni | Għoti ta' Oġġetti u Servizzi | Xogħol | Djar u Assigurazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gvern | 7 | 5 | 5 | 2 | 0 | 19 |
| Parastatali | 2 | 0 | 2 | 5 | 1 | 10 |
| Kunsilli | 11 | 0 | 2 | 0 | 0 | 13 |
| Knisja | 12 | 0 | 0 | 0 | 0 | 12 |
| Privat | 6 | 0 | 1 | 2 | 0 | 9 |
| **Total** | **38** | **5** | **10** | **9** | **1** | **63** |



KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Minn din it-tabella wieħed jista' jagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

a) l-ilmenti kontra l-Gvern huma maqsuma tista' tghid b'mod ugwali fl-oqsma kollha li fihom il-Gvern jopera;
b) l-ilmenti fl-edukazzjoni huma kollha indirizzati lejn il-Gvern;
c) ftit saru ilmenti kontra entitajiet privati jew parastatali.

## Ilmenti Magħluqa

Il-każijiet li tressqu lit-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs issa jinsabu fi stadju differenti. Hu ta sodisfazzjon għal din it-Taqsima li tirreġistra li matul din is-sena, rnexxielha tilħaq diversi abbozzi ta' ftehim biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità. Din is-sena n-numru ta' każijiet fejn instabet soluzzjoni tela' minn 14 għal 29. Dan ifisser li matul din is-sena, it-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs irnexxielha ssolvi 29 ilment, żieda ta' aktar minn 50 fil-mija fuq is-sena l-oħra. Barra minn hekk il-Kummissjoni rnexxielha ssolvi aktar minn nofs il-każijiet li hi għalqet kif jidher f'din it-tabella:

**ILMENTI MAGĦLUQA**

| | 2000/01 | | 2001/2002 | |
|---|---|---|---|---|
| | Nru | Perċentwal | Nru | Perċentwal |
| Solvuti | 14 | 39 | 29 | 54 |
| Ma kienx hemm diskriminazzjoni | 13 | 36 | 10 | 19 |
| Riferuti lil entitajiet oħra | 4 | 11 | 13 | 24 |
| Waqqgħu l-ilment | 5 | 14 | 2 | 4 |
| **Total** | **36** | **100%** | **54** | **100%** |

In-numru ta' lmenti fejn il-Kummissjoni sabet li ma kienx hemm diskriminazzjoni hu ta' 10. Bħala perċentwal tal-każijiet magħluqa, kien hemm tnaqqis sostanzjali ta' 17-il punt. Dan jista' jkun sinjal tajjeb għax juri li l-persuni b'diżabilità qed iressqu każijiet aktar sodi. Min-naħa l-oħra hu importanti li wieħed jinnota li persuna li tħoss li għad għandha każ ta' diskriminazzjoni, hi xorta jibqgħalha d-dritt bil-liġi li tfittex għal remedju hi, minkejja li l-Kummissjoni tkun iddeċidiet li ma hemmx każ ta' diskriminazzjoni.

In-numru ta' lmenti li t-Taqsima rreferiet lil entitajiet oħra kiber u bħala perċentwal tela' bi 13-il punt. Dan hu punt pożittiv għax it-Taqsima għandha tuża mezzi differenti biex tilħaq l-għanijiet tagħha, tikkopera ma' dawn l-entitajiet u anke teduka lill-persuni b'diżabilità biex huma stess jagħmlu l-aħjar użu minn dawn il-mezzi.

## Qorti Jew Arbitraġġ

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kellha tiftaħ tliet kawzi fil-Qorti Ċivili waqt li f'żewġ każijiet oħra kien hemm qbil biex il-każ imur Arbitraġġ. Wieħed jista' jargumenta li dawn in-numri huma żgħar ħafna. Però, il-Kummissjoni dejjem sostniet li s-suċċess ta' din il-Liġi mhuwiex f'kemm tiftaħ kawżi l-Qorti jew Arbitraġġ imma f'kemm jirnexxielha ssolvi lmenti bil-persważjoni. Dan hu proċess ta' bdil bil-mod imma konsistenti ta' mentalità bbażata fuq il-karità lejn il-persuni b'diżabiltà ma' mentalità bbażata fuq d-drittijiet tal-bniedem. Qabża kbira li nemmnu li qed issir għalkemm bil-mod.

## Ilmenti Miftuħa

It-Taqsima għad għandha 65 każ li għadhom miftuħin u li ser tkompli taħdem fuqhom matul is-sena li ġejja. Fost dawn il-każijiet hemm numru żgħir fejn għalkemm intlaħaq ftehim, dan il-ftehim irid jiġi implimentat fuq perjodu ta' żmien. Dan ifisser li għalkemm il-ftehim ikun intlaħaq, wieħed ma jistax jagħlaq il-każ għax is-soluzzjoni tkun għadha ma ġietx implimentata jew tkun ġiet implimentata parzjalment.





## Regolamenti

Fuq l-esperjenza miksuba fl-ewwel xhur tat-tħaddim ta' din il-Liġi, il-Kummissjoni għamlet emendi żgħar imma sinifikanti għar-"Regolamenti ta' Proċedura għall-Investigazzjoni ta' Ilmenti li ġew ippubblikati fil-Gazetta tal-Gvern bħala Avviz Legali Nru 17 tas-Sena 2002. Permezz ta' dawn l-emendi sar aktar ċar x'inhi l-proċedura eżatta li l-Kummissjoni trid isegwi biex tħaddem din il-liġi permezz tal-Qorti.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li jinħarġu "Regoli dwar il-Proċedura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għall-finijiet ta' Artiklu 33 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs. Sfortunatament għalkemm hemm qbil dwar dawn ir-regolamenti mal-bord tal-Qrati li jirregola din il-materja, jidher li għad ma nstabx il-mezz amministrattiv kif dawn isiru uffiċjali u jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Minkejja dan kollu jidher li, sa fejn hu possibbli, il-Qorti qed timxi ma' dawn fuq dan ir-regolamenti.

**Fred Bezzina,**
Direttur Eżekuttiv (KNPD)

**Marianne Debono,**
Koordinatriċi (TLOI)

F'din it-Taqsima, ser nagħtu rendikonti fil-qosor tal-każijiet prinċipali li fuqhom ħadmet il-Kummissjoni.

# Każijiet Prinċipali

Dawn ser jinqasmu fi tliet partijiet:

a) Każijiet solvuti jiġifieri fejn instabet soluzzjoni finali u għalhekk il-każ issa hu magħluq;
b) Każijiet fejn instabet soluzzjoni imma din trid tiġi implimentata fuq medda ta' żmien u għalhekk il-każ jibqa' miftuħ;
c) Każijiet li qegħdin fil-Qorti jew għall-Arbitraġġ.

## KAŻIJIET PRINĊIPALI SOLVUTI

### 1. L-Isptar Boffa

It-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) kellha ilment li f'dan l-isptar ma kienx hemm toilets aċċessibbli għal kulħadd fi parti tal-Outpatients u l-anqas parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità. L-amministrazzjoni ta' l-isptar mill-ewwel ħadt il-passi biex dawn il-problemi jiġu solvuti kif fil-fatt ġara.

Il-punti prinċipali ta' dan l-ilment huma dawn:

- Marzu 2001 - *It-TLOI ressqet l-ilment lid-Diviżjoni tas-Saħħa.*
- Mejju 2001 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat.*
- Awissu 2001 - *Sar il-Parkeġġ Riservat għall-persuni b'diżabilità.*
- Novembru 2001 - *Saret ir-rampa u r-rails għat-toilet biex dan ikun aċċessibbli għal kulħadd.*

### 2. Iċ-Ċentru Ċiviku ta' B'kara

It-TLOI kellha lment li t-tielet sular taċ-Ċentru Ċiviku ta' B'kara fejn hemm l-uffiċċini tal-Kunsill Lokali u l-librerija pubblika ma kienx fiżikament aċċessibbli. Il-Kunsill u d-Diviżjoni tax-Xogħlijiet mill-ewwel assumew ir-responsabilità li jirremidjaw. Minkejja li x-xogħol dam xi ftit, issa hemm platform lift li rrenda dan is-sular aċċessibbli. Barra minn hekk twessgħu ukoll xi bibien, ġew irranġati xi toilets biex ikunu aċċessibbli għal kulħadd u anke nbidel il-bieb prinċipali li sar ta' l-elettriku biex ikun aktar aċċessibbli għal kulħadd.

Il-punti prinċipali ta' dan l-ilment huma dawn:

- Ottubru 2000 - *It-TLOI ressqet l-ilment lill-Kunsill Lokali ta' B'kara.*
- Ottubru 2000 - *Il-Kunsill informa lit-TLOI li flimkien mad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet kienu qed jaħdmu fuq il-problema.*
- Marzu 2001 - *Tlesta x-xogħol fuq il-bieb prinċipali, il-bibien l-oħra u t-toilets.*
- Ġunju 2001 - *Ħarġet it-tender għax-xogħlijiet neċessarji.*
- April 2002 - *Tlesta x-xogħol biex iċ-Ċentru jsir aċċessibbli għal kulħadd.*

### 3. Iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Persuni Anzjani - Rabat

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kienx ser jibqa' jagħmel użu miċ-Ċentru ta' l-Anzjani tal-Imtarfa u kien ser jibda jagħti dan is-servizz minn post mhux aċċessibbli għal kulħadd fir-Rabat. Il-Kummissjoni ressqet dan l-ilment u wara diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat il-Kunsill mill-ewwel aċċetta li jibda jagħti dan is-servizz minn post aċċessibbli kif fil-fatt għamel.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Frar 2002 - *t-TLOI ressqet l-ilment lill-Kunsill Lokali.*
- April 2002 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat.*
- Ġunju 2002 - *x-xogħol tlesta u l-perit tal-Kummissjoni kkonferma li l-post hu aċċessibbli għal kulħadd skond il-linji gwida tal-Kummissjoni.*

## 4. Il-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ ma kinetx fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. It-TLOI ressqet dan l-ilment lill-Arċipriet ta' din il-parroċċa. Wara diskussjonijiet miegħu u anke bl-intervent tal-E.T. il-Vigarju Ġenerali, A. Depasquale, l-entratura ta' din il-knisja parrokkjali saret aċċessibbli għal kulħadd.

Il-punti prinċipali ta' dan l-ilment huma dawn:

- April 2000 - *It-TLOI ressqet l-ilment lill-Arċipriet ta' din il-parroċċa.*
- Marzu 2001 - *Laqgħa bejn il-KNPD u l-E.T. il-Vigarju Ġenerali.*
- Ġunju 2001 - *L-Arċipriet informa lit-TLOI li x-xogħol tlesta.*
- Lulju 2001 - *Il-perit tal-KNPD għamel rapport li wera li kien għad fadal xi xogħol x'isir.*
- Novembru 2001 - *Ix-xogħol tlesta u din il-knisja issa għandha entratura aċċessibbli għal kulħadd.*

## 5,6. Il-Kumpaniji Medicat u Technoline

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti li numru ta' kumpaniji li jbigħu apparat għall-persuni b'diżabilità kienu qed joperaw minn bini li mhux aċċessibbli għal kulħadd inkluż persuni li jużaw siġġu tar-roti. Fost dawn kien hemm il-kumpaniji Medicat ta' B'kara u Technoline tal-Gżira. Dawn iż-żewġ kumpaniji mill-ewwel aċċettaw li jaslu fi ftehim mal-Kummissjoni biex jirrendu l-post tagħhom aċċessibbli għal kulħadd.

Il-Medicat talab li fi żmien raġonevoli u aċċettat miż-żewġ naħat jimxi għall-bini ġdid li jkun aċċessibbli għal kulħadd, kif fil-fatt ġara.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Ottubru 2000 - *It-TLOI ressqet l-ilment lil din il-kumpanija.*
- Frar 2001 - *Il-Kumpanija Medicat informat lit-TLOI li kienet ser timxi għal bini aċċessibbli għal kulħadd.*
- Lulju 2002 - *Il-Kumpanija marret f'bini ġdid.*
- Awissu 2002 - *Il-perit tal-KNPD ikkonferma li l-bini l-ġdid hu aċċessibbli għal kulħadd skond il-linji gwida tal-Kummissjoni.*

Il-Kumpanija Technoline installat platform lift u rranġat toilet biex ikunu aċċessibbli għal kulħadd skond il-linji gwida tal-Kummissjoni. Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Ottubru 2000 - *It-TLOI ressqet l-ilment lill-Kumpanija Technoline.*
- Jannar 2001 - *Saret laqgħa bejn iż-żewġ naħat fejn ġew ippreżentati proposti.*
- April 2001 - *L-applikazzjoni li saret lill-PA ma kinitx skond il-linji gwida tal-KNPD.*
- Ġunju 2001 - *It-Technoline infurmat lill-TLOI li kienet ser tordna stairclimber. Il-Kummissjoni wriet riservi dwar dan l-apparat.*
- Lulju 2001 - *Il-Kumpanija ordnat platform lift minflok.*
- Settembru 2002 - *Ix-xogħol fuq il-lift u t-toilet tlestew u issa din il-kumpanija qed topera minn bini aċċessibbli għal kulħadd.*

## 7. Casino di Venezia

It-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs ressqet ilment għax il-Palazz Scamp li minnu beda jopera l-Casino di Venezia ma kienx aċċessibbli għal kulħadd. Wara diskussjonijiet din il-problema ġiet riżolta fi żmien qasir.

Il-punti prinċipali ta'dan il-każ huma dawn:

- Lulju 2001 - *It-TLOI resqet l-ilment lil din il-Kumpanija.*
- Awissu 2001 - *Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija pubblika dwar din il-problema.*
- Settembru 2001 - *Intlaħaq ftehim bejn iż-żewġ naħat.*

## 8. Il-Parkeġġ taċ-CDAU

It-TLOI rċeviet ilment li ma kienx hemm postijiet riservati biżżejjed għall-persuni b'diżabilità fil-parkeġġ li hemm għaċ-CDAU. Kien hemm problema jekk dan il-parkeġġ hux responsabilità tal-Università jew tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Wara li ġie stabilit li din ir-responsabilità taqa' f'idejn id-Diviżjoni tas-Saħħa, ġie

stabilit kemm kellu jkun hemm postijiet riservati għall-persuni b'diżabilità. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet aċċettata u implimentata.

- Frar 2001 - *Tressaq l-ilment lid-Diviżjoni tas-Saħħa.*
- Lulju 2001 - *Ġie stabilit li l-parkeġġ hu responsabilità tad-Diviżjoni tas-Saħħa.*
- Mejju 2002 - *Saru żewġ postijiet riservati għall-persuni b'diżabilità fil-parkeġġ allokat għac-CDAU.*

### 9,10,11. Il-Kumpaniji MET, RMF u XTC

Il-Kummissjoni rċeviet ilment mill-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ (Malta) li l-kumpaniji li jipprovdu Breakdown Service ma kinux aċċessibbli għall-persuni neqsin mis-smigħ minħabba li dawn jiġu kkuntattjati permezz tal-telefon. Il-Kummissjoni talbet li dawn il-kumpaniji jibdew joffru dan is-servizz lil dawn il-persuni permezz tal-SMS u t-telefon ċellulari.

Il-Kumpaniji MET, RMF u XTC ingħaqdu mal-kumpanija CAA (li aċċettat mill-ewwel) u aċċettaw li jipprovdu dan is-servizz permezz tal-SMS.

Il-punti prinċipali tal-każ li jirrigwarda l-Kumpanija MET kienu dawn:

- Ġunju 2001 - *It-TLOI tressaq l-ilment.*
- Lulju 2001 - *Il-MET bdiet tipprovdi dan is-servizz aċċessibbli għal kulħadd.*

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ fil-rigward tal-RMF kienu dawn:

- Ġunju 2001 - *It-TLOI tressaq l-ilment.*
- Jannar 2002 - *RMF informaw lit-TLOI li qed jaħdmu fuq dan l-ilment.*
- Marzu 2002 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat.*
- Lulju 2002 - *L-RMF bdiet tipprovdi dan is-servizz aċċessibbli għal kulħadd.*

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ fil-rigward tal-XTC kienu dawn:

- Ġunju 2001 - *It-TLOI tressaq l-ilment.*
- Diċembru 2001 - *Din il-kumpanija informat lill-KNPD bil-fomm li ser jipprovdi s-servizz aċċessibbli permezz tal-SMS. Il-KNPD talbet dan bil-kitba.*





- Jannar 2002 - *L-XTC bdiet tipprovdi dan is-servizz aċċessibbli għal kulħadd.*

### 12. Impjieg ta' Pustier mal-Maltapost

Il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand persuna nieqsa mis-smigħ li hu kien ġie rifjutat impjieg ta' pustier mal-Maltapost minħabba d-diżabilità tiegħu. Skond il-Maltapost hu ma setax ikollu liċenzja tas-sewqan ta' mutur. Wara li ġie stabilit li dan ma kienx il-każ, il-Kumpanija aċċettat li tirrevedi l-pożizzjoni tagħha meta din il-persuna ġġib il-liċenzja tas-sewqan. Il-persuna konċernata, sfortuntament tilfet l-interess f'dan l-impjieg għax sab xogħol ieħor u għalhekk il-każ ingħalaq.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Lulju 2001 - *It-TLOI ressqet l-ilment lill-Maltapost.*
- Awissu 2001 - *Il-Maltapost qalet li l-persuna ma setgħetx ikollha liċenzja tas-sewqan minħabba d-diżabilità tagħha. Il-KNPD ma aċċettax dan.*
- Frar 2002 - *Laqgħa mas-CEO l-ġdid tal-Maltapost.*
- Marzu 2002 - *Il-Maltapost rrevediet il-pożizzjoni tagħha u qalet li jekk il-persuna ġġib il-liċenzja hu jkun jista' jibda t-taħriġ għal dan l-impjieg.*
- April 2002 - *Il-persuna konċernat ma baqgħetx turi interess f'dan l-impjieg.*

## FTEHIM PARZJALI

### 1. Id-Dipartiment tat-Toroq

Il-Kummissjoni kellha diversi ilmenti li toroq ġodda mhux qed isiru aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni bdiet taħdem b'mod ġenerali biex it-toroq li qed isiru jkunu aċċessibbli għal kulħadd u anke kkonċentrat fuq toroq prinċipali li jinkludu Triq Psaila, B'kara, Triq il-Mosta, Burmarrad u Triq Hompesch, Fgura. Il-Kummissjoni flimkien mad-Dipartiment għamlu laqgħa man-nies tekniċi tad-Dipartiment biex iqajmu kuxjenza akbar dwar din l-issue. Ir-riżultat prinċipali ta' din il-ħidma hu li Triq Psaila, B'kara, li kważi hi lesta, għandha livell għoli ta' aċċessibilità. Il-Kummissjoni qed taħdem biex dan il-livell jintlaħaq fit-toroq l-oħra u f'kull triq li ssir mill-ġdid.



opportunitajiet indaqs

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Ottubru 2000 - *It-TLOI tressaq l-ilment lid-Dipartiment tat-Toroq.*
- Marzu 2001 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat.*
- Lulju 2001 - *Id-Dipartiment joħroġ ċirkulari dwar din il-problema lil kull min fid-Diparitment għandu x'jaqsam mal-aċċessibilità tat-toroq.*
- Awissu 2001 - *Id-Dipartiment jintrabat li Triq Psaila, B'Kara ssir aċċessibbli għal kulħadd sal-massimu possibbli.*
- Frar 2002 - *Laqgħa għall-ħaddiema kollha tad-Dipartiment rigward l-aċċessibilità għal kulħadd.*
- Marzu 2002 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat fir-rigward ta' Triq Psaila, B'kara.*
- Settembru 2002 - *Il-Kummissjoni tinforma lid-Dipartiment li hi sodisfatta bil-livell ta' aċċessibilità li nkiseb f'din it-triq u titlob li jsir l-istess fit-toroq l-oħra li qed isiru.*

**2. Il-Qorti**

Il-Kummissjoni rċeviet diversi ilmenti li l-aċċess għall-Qorti mhuwiex wieħed tajjeb għal kulħadd. Wara diversi diskussjonijiet intlaħaq ftehim dwar il-pjanta u anke li x-xogħol neċessarju tieħu ħsiebu l-Kummissjoni stess wara li d-Diviżjoni tax-Xogħlijiet għaddiet il-fondi meħtieġa. Ħarġu t-tenders u hu ppjanat li sa l-aħħar ta' din is-sena, ix-xogħol ikun lest.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Mejju 2000 - *It-TLOI ressqet l-ilment lill-Qorti.*
- Settembru 2000 - *Saret rampa temporanja.*
- Lulju 2001 - *Laqgħa bejn il-periti taż-żewġ naħat.*
- Awissu 2001 - *Intlaħaq qbil dwar il-pjanta.*
- Novembru 2001 - *Ftehim bejn id-Diviżjoni tax-Xogħlijiet u KNPD biex ta' l-aħħar jieħdu ħsieb ix-xogħol waqt li d-Diviżjoni toħroġ il-fondi neċessarji.*
- Marzu 2002 - *Il-KNPD ħarġet talba għall-offerti biex isir ix-xogħol.*
- Ġunju 2002 - *Ftehim mal-Kumpanija Kalaxlokk biex isir ix-xogħol neċessarju sa l-aħħar ta' din is-sena.*





**3. Il-Bank of Valletta**

Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti li fergħat tal-Bank of Valletta ma kinux aċċessibbli għal kulħadd. Wara diskussjonijiet pjuttost twal mal-amministrazzjoni ta' dan il-Bank sar audit fiżiku ta' kull fergħa tal-bank u hemm qbil dwar ix-xogħol li jrid isir biex dawn, sa fejn hu raġonevolment possibbli, isiru aċċessibbli kemm għall-klijenti kif ukoll għal ħaddiema. Sar ukoll programm kif dan ix-xogħol isir fuq żmien raġonevoli. Fil-fatt dan il-programm diġà beda jiġi implimentat u l-fergħa tal-Bank of Valletta tal-Gżira issa hi aċċessibbli għall-klijenti ta' dan il-bank.

Kien hemm ukoll qbil li numru ta' impjegati tal-Bank li l-aktar ikollhom kuntatt mal-klijenti jingħataw taħriġ dwar kif taqdi aħjar persuni b'diżabilità. Dan it-taħriġ sar flimkien mal-Kummissjoni.

Barra minn hekk saru diskussjonijiet biex l-ATMs ta' dan il-bank isiru aċċessibbli għal kulħadd kemm fiżikament kif ukoll għall-persuni neqsin mid-dawl. Il-Bank ħa deċizjoni li kull ATM ġdida tkun fiżikament aċċessibbli għal kulħadd waqt li numru minnhom ikunu aċċessibbli għall-persuni neqsin mid-dawl. Il-BOV diġà beda jinstalla ATMs ġodda li huma fiżikament aċċessibbli għal kulħadd u hu ttamat li dan il-programm ikompli fuq żmien raġonevoli.

Il-Kummissjoni u l-Bank ukoll qed ikomplu jiddiskutu biex ikun hemm ftehim globali bejn iż-żewġ naħat biex dan il-bank joffri opportunitajiet indaqs minn kull aspett.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Lulju 2000 - *It-TLOI ressqet l-ilment dwar il-fergħa tal-Gżira lill-Bank.*
- Diċembru 2000 - *Il-KNPD tipproponi li jiġi diskuss pjan komprensiv.*
- Frar 2000 - *Laqgħa mal-General Manager tal-BOV. Qbil dwar l-ATMs u li jsir studju tal-fergħat kollha.*
- Marzu - *Ftehim bejn iż-żewġ naħat dwar il-Karta ta' l-Identità Speċjali.*
- Lulju 2001 - *Il-BOV ippreżenta rapport dettaljat dwar l-aċċessiblità tal-fergħat kollha.*
- Awissu 2001 - *Beda t-taħriġ għall-impjegati tal-BOV minn uffiċjali tal-KNPD u persuni b'diżabilità.*

- Settembru 2001 - *Installati l-ewwel ATMs fiżikament aċċessibbli.*
- Diċembru 2001 - *Laqgħa bejn iċ-chairmen taż-żewġ naħat.*
- Awissu 2002 - *Ftehim fuq rapport ġdid dwar il-fergħat kollha u dwar proposta għal programm ta' azzjoni.*

## 4. Il-Maltapost

Il-Kummissjoni kellha lment li l-kaxxi ta' l-ittri li kienu qed jiġu installati għoljin wisq għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti jew li għandhom statura qasira. Wara diversi diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat, intlaħaq dan il-ftehim, li diġà beda jiġi implimentat u li jikkonsisti li:

a) l-għoli tat-toqba fejn jidħlu l-ittri ma jkunx aktar minn 118cm;
b) il-kaxxi ta' l-ittra kollha li ser jiġu installati jkollhom dan l-għoli;
c) isir programm fuq 5 snin biex il-kaxxi tal-ittri eżistenti jkollhom dan l-għoli;
d) jiġu identifikati dawk il-kaxxi ta' l-ittri li ma jistgħux jiġu rranġati.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Marzu 2001 - *It-TLOI ressqet l-ilment lill-Maltapost.*
- Lulju 2001 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat.*
- Ottubru 2001 - *Il-Maltapost ippropnew għoli ftit aktar mil-linji gwida tal-KNPD għall-kaxxi ta' l-ittri l-ġodda u l-ebda soluzzjoni fuq dawk eżistenti. Il-KNPD ma aċċettatx dawn il-proposti.*
- Marzu 2002 - *Il-Maltapost aċċettaw li l-kaxxi ta' l-ittri l-ġodda jsiru skond il-linji gwida tal-Kummissjoni u bdew eżerċizzju biex jaraw kif jistgħu jirranġaw dawk eżistenti.*
- Settembru 2002 - *Il-Maltapost ippreżentat programm ta' ħidma li ġie aċċettat bħala wieħed raġonevoli mill-KNPD.*

## 5. Il-Bażilka ta' Sant'Elena

Il-Kummissjoni kellha lment li din il-knisja parrokkjali ma kinetx fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Wara diskussjonijiet mal-Kapitlu tal-Bażilka ntlaħaq ftehim li ssir rampa skond il-linji gwida tal-Kummissjoni u li din titlesta fi żmien raġonevoli u aċċettabbli għaż-żewġ naħat.





Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Novembru 2001 - *It-TLOI ressqet l-ilment.*
- Jannar 2002 - *Laqgħa bejn rappreżentant tal-Kapitlu u l-perit tal-KNPD.*
- Ġunju 2002 - *Il-Kapitlu bagħat il-pjanti tal-rampa l-ġdida.*
- Lulju 2002 - *Sar ftehim li r-rampa ssir fi żmien raġonevoli u aċċettabbli għaż-żewġ naħat.*

## 6. Bus Shelters mill-Kumpanija FACES

Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti li bus shelters ġodda li saru mill-Awtorità tat-Trasport ma kinux aċċessibbli għal kulħadd. Wara li t-TLOI bdiet diskussjoni ma' din l-Awtorità, ir-responsabbilità ta' dawn il-bus shelters għaddiet għal għand il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli Lokali laħqu ftehim biex il-bus shelters jiġu standardizzati u jsiru minn kumpanija waħda.

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet ma' din il-Kumpanija, FACES, u ntlaħaq ftehim magħha dwar l-aċċessibilità għal dawn il-bus shelters. Dan il-ftehim jinkludi li l-Kumpanija tintrabat li jekk ma timxix mal-linji gwida tal-Kummissjoni u mal-ftehim milħuq, hi trid tagħmel it-tibdil neċessarju fi żmien raġonevoli. Jekk ma tagħmilx hekk hi ntrabtet ukoll li tħallas penali. Hemm ukoll ftehim li ż-żewġ naħat jistgħu jirreferu xi nuqqas ta' qbil lil arbitru aċċettabbli għaż-żewġ naħat. Din il-Kumpanija reċentament bdiet tinstalla dawn il-bus shelters u mill-ewwel indikazzjonijiet jidher li dan il-ftehim, fil-maġġoranza tal-każi, qed jaħdem. Il-Kummissjoni ser tkompli taħdem biex dawn il-bus shelters ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Diċembru 2000 - *It-TLOI tressaq l-ilment lill-Awtorità tat-Trasport.*
- Ġunju 2001 - *Rapport dwar il-bus shelters li saru.*
- Lulju 2001 - *Ir-responsabilità tal-bus shelters għaddiet għand il-Kunsill Lokali.*
- Ġunju 2002 - *Ftehim bejn il-KNPD u FACES li ser jagħmlu numru ta' bus shelters biex dawn isiru aċċessibbli għal kulħadd.*

## 7. Il-Lukanda Phoenicia

Il-Kummissjoni kellha lment li l-Lukanda Phoenicia mhix aċċessibbli għal kulħadd speċjalment fejn

tidħol l-entratura prinċipali u l-ballroom. Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet mal-management ta' din il-Lukanda u wara diskussjonijiet pjuttost twal intlaħaq ftehim li fi żmien raġonevoli isir xogħol biex din il-Lukanda ssir aktar aċċessibbli għal kulħadd.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- April 2001 - *It-TLOI ressqet l-ilment lil din il-Lukanda.*
- Novembru 2001 - *Sar rapport tekniku.*
- Frar 2002 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat fil-preżenza tal-periti.*
- Ġunju 2002 - *Qbil temporanju li x-xogħol isir fi żmien raġonevoli u aċċettabbli għaż-żewġ naħat.*

### 8 Sliema Eye Clinic

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Eye Clinic f'tas-Sliema li kinet fetħet reċentament ma kienetx aċċessibbli però kienet qed tiġi riklamata li hi aċċessibbli minħabba li l-management xtara apparat li jitla' t-taraġ (stairclimber). Il-Kummissjoni spjegat lill-management li kemm għal raġunijiet ta' sigurtà, dinjità u prattiċità dan l-apparat ma hux aċċettabbli. (Fil-fatt il-Kummissjoni kienet ħadet l-istess pożiżżjoni fuq dan l-apparat mal-Kumpanija Technoline). Dan l-apparat, minkejja li kien magħruf għall-Kummissjoni, qatt ma ġie inkluż fil-linji gwida tagħha.

Il-Kumissjoni laħqet ftehim ma' din il-Klinika li, fi żmien raġonevoli u aċċettabbli għaż-żewġ naħat, hi ser timxi għal bini ieħor li jkun aċċessibbli għal kulħadd skond il-linji gwida tal-Kummissjoni.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Frar 2002 - *It-TLOI ressqet l-ilment.*
- April 2002 - *Laqgħa fuq il-post bejn iż-żewġ naħat. Uffiċjali tal-KNPD raw l-apparat magħruf bħala stairclimber jiġi użat.*
- Awissu 2002 - *Intlaħaq ftehim li l-problema tiġi solvuta billi l-Klinika timxi għal post aċċessibbli fi żmien raġonevoli u aċċettabbli għaż-żewġ naħat.*





## QORTI/ARBITRAĠĠ

### 1. Il-Ministeru tal-Ambjent u l-Intern

Il-Kummissjoni kellha lment li l-Ministeru ta' l-Ambjent u l-Intern mhux fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Dan l-ilment sar ukoll fid-dawl tal-fatt li dan hu l-Ministeru responssabbli mill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar li hi responsabbli li tara li zvilupp ġdid ikun aċċessibbli għal kulħadd. Il-Ministeru u l-Kummissjoni ma qablux dwar il-mod kif l-entratura prinċipali ssir aċċessibbli għal kulħadd imma qablu li jmorru Arbitraġġ. Dan il-proċess beda.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Mejju 2001 - *Tressaq l-ilment dwar l-aċċessibilità għall-entratura tal-Ministeru.*
- Marzu 2002 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat fuq il-post bil-preżenza tal-periti taż-żewġ naħat.*
- Lulju 2002 - *Ftehim li mmorru Arbitraġġ.*
- Awissu 2002 - *Saret l-applikazzjoni biex jibda l-Arbitraġġ.*

### 2. Il-Kavalier ta' San Ġakbu

Il-Kummissjoni kellha diversi taħditiet biex il-Kavalier ta' San Ġakbu jkun aċċessibbli għal kulħadd. Fil-fatt il-parti l-kbira ta' dan il-Kumpless hu aċċessibbli għal kulħadd. Sfortunatament il-Kummissjoni kellha ilment li l-palk tat-tijatru tond, wieħed mill-aktar postijiet importanti ta' dan il-kumpless, mhuwiex aċċessibbli għal kulħadd. Wara diversi diskussjonijiet, l-amministrazzjoni qalulna li huma lesti li jarmaw palk aċċessibbli jekk ikunu mgħarrfa minn qabel. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din is-soluzzjoni u ż-żewġ naħat qablu li jmorru arbitraġġ. Dan il-proċess sar kollu u l-award hi mistennija fil-ġranet li ġejjin.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Diċembru 2000 - *Tressaq l-ilment.*
- Lulju 2001 - *Saret laqgħa bejn iż-żewġ partijiet fuq il-post.*
- Mejju 2001 - *Il-Kummissjoni ma laqgħetx stedina biex tipparteċipa fil-Festival of the Senses li sar f'dan il-kumpless.*

- Diċembru 2001 - *Id-diskussjonijiet għaddew għand il-Ministeru tal-Ambjent. Dan informa lill-KNPD li l-post hu aċċessibbli. Il-KNPD ma taċċettax din il-pożizzjoni.*
- Marzu 2002 - *Sar qbil li mmorru arbitraġġ.*
- Ġunju 2002 - *Saret l-ewwel seduta ta' l-arbitraġġ.*

### 3, 4 Il-Kumpaniji Michele Peresso u l-Invicta

Il-Kummissjoni kellha lmenti li stabilimenti li jbigħu affarijiet għall-persuni b'diżabilità bħal ma huma siġġu tar-roti eċċ, ma kinux joperaw minn bini li hu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni fetħet diskussjoni mal-ħames kumpaniji li qegħdin f'dan in-negozju.

Il-Kumpanija Michele Peresso, filwaqt li qalet li għandha rampa, qablet li tibdel din ir-rampa però ma ridetx tagħti żmien raġonevoli meta ser tlesti dan ix-xogħol. Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din il-pożizzjoni u għalhekk fetħet l-ewwel kawża kontra din il-Kumpanija. Il-Kumpanija ressqet diversi eċċezzjonijiet u rriżulta li l-kawża ma setgħetx tkompli tinstema' mill-Imħallef J.R. Micallef . Meta l-kawża ġiet appuntata għand imħallef ġdid, instab li kien intilef il-file. Il-file reġa' ġie rikostitwit u l-Imħallef appunta assistent ġudizzjarju biex jibda' jisma' x-xhieda.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- April 2000 - *It-TLOI ressqet l-ilment.*
- Ġunju 2000 - *Laqgħa bejn iż-żewġ naħat fejn intlaħaq ftehim.*
- Settembru 2000 - *Id-Ditta Peresso ma aċċettatx li dan il-ftehim kien intlaħaq.*
- Diċembru 2000 - *Il-KNPD tippreżenta protest gudizzjarju fil-Qorti.*
- Marzu 2001 - *Il-KNPD tiftaħ kawża kontra din il-Kumpanija.*
- Mejju 2001 - *L-ewwel seduta.*
- Ġunju 2001 - *L-Imħallef ma jistax jkompli jisma' l-kawża u titħalla biex tinstema' minn Imħallef ieħor.*
- Marzu 2002 - *Seduta taħt Imħallef ġdid. File tal-kawża mitluf.*
- Settembru 2002 - *Il-file jiġi rikostitwit u l-Imħallef jaħtar assistent ġudizzjarju biex jibda jisma' l-provi.*





Il-Kumpanija Invicta kinet tbigħ apparat għall-persuni b'diżabilità minn post li ma kienx aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kumpanija Invicta aċċettat li tirrendi l-post tagħha aċċessibbli u għamlet applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar. Wara ċertu żmien, il-Kumpanija qalet li lestiet ix-xogħol. Meta l-perit tal-Kummissjoni mar jeżamina l-post sab li saret rampa li tintuża biss meta hemm bżonn u li ma kinetx skond il-linji gwida tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma aċċettatx din is-soluzzjoni u peress li ma ntlaħaq l-ebda ftehim, il-Kummissjoni fetħet kawża kontra din il-Kumpanija. Sadanittant, il-Kummissjoni saret taf mill-gazzetti li din il-Kumpanija issa qed tbigħ dawn l-affarijiet minn bini ieħor li hu aktar aċċessibbli. Il-kawża bdiet instema' minn assistent ġudizzjarju però l-Kummissjoni hi dejjem disposta li jintlaħaq ftehim ankè barra l-Qorti. Għalhekk, il-perit mar jagħmel spezzjoni tal-post il-ġdid biex naraw nistgħux nilħqu qbil aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ huma dawn:

- Ottubru 2000 - *Tressaq l-ilment lill-Invicta Ltd.*
- Marzu 2001 - *L-Invicta infurmat lit-TLOI li x-xogħol kien ser jibda.*
- Settembru 2001 - *L-Invicta infurmat TLOI li x-xogħol kien lest.*
- Settembru 2001 - *Perit tal-Kummissjoni jiddikjara li l-xogħol mhux skond il-linji gwida tal-Kummissjoni.*
- Jannar 2002 - *Il-Kummissjoni tiftaħ kawża kontra l-Invicta fil-Qorti.*
- Marzu 2002 - *L-ewwel seduta tal-kawża.*
- Mejju 2002 - *Riklam fil-gazzetti li l-Invicta qed tbigħ l-apparat għall-persuni b'diżabilità minn post ieħor.*
- Settembru 2002 - *Il-perit tal-Kummissjoni jagħmel rapport fuq il-premises il-ġdid.*

### 5. Il-Kumpanija SBT

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-kumpaniji li jipprovdu Breakdown Service ma kinux aċċessibbli għall-persuni neqsin mis-smigħ minħabba li dawn jiġu kkunttatjati permezz tal-telefon. Il-Kummissjoni talbet li dawn il-kumpaniji jibdew joffru dan is-servizz lil dawn il-persuni permezz tal-SMS u t-telefon ċellulari.

Erba' kumpaniji aċċettaw li jipprovdu dan is-servizz waqt li l-Kumpanija SBT baqgħet tirrifjuta li tipprovdi dan is-servizz b'mod aċċettabbli. Il-Kummissjoni fetħet kawża kontra din il-Kumpanija.

Il-punti prinċipali ta' dan il-każ fir-rigward tal-kumpanija SBT kienu dawn:

- Ġunju 2001 - *It-TLOI ressqet l-ilment.*
- Jannar 2002 - *L-SBT taw raġunijiet li ma kinux aċċettabbli għall-KNPD.*
- Lulju 2002 - *L-SBT isostnu li ma hemmx diskriminazzjoni.*
- Settembru 2002 - *Il-KNPD tiftaħ il-kawża.*





Din hi l-lista kollha ta' l-ilmenti li tressqu lill- Kummissjoni skond is-sena u l-qasam.

# Il-Każijiet Kollha

**Xogħol - 2000/2001**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Seamalta b'diżabilità - | Tkeċċija ta' impjegat | *Magħluq* |
| 2. Diviżjoni tas-Saħħa | Diskriminazzjoni fuq ix-xogħol | *Magħluq* |
| 3. Awtorità tat-Trasport | Għoti ta' impjieg | *Solvut* |
| 4. Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Xogħol ħafif | *Magħluq* |
| 5. Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Promozzjoni | *Magħluq* |
| 6. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas fil-paga | *Magħluq* |
| 7. Diviżjoni tas-Saħħa | Parkeġġ riservat fuq il-post tax-xogħol | *Solvut* |
| 8 Malta Drydocks | Transfer | *Magħluq* |
| 9. Enemalta | Tkeċċija | *Magħluq* |
| 10. Diviżjoni tas-Saħħa | Għoti ta' overtime | *Magħluq* |
| 11. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Qassim tax-xogħol | *Magħluq* |
| 12. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Transfer | *Magħluq* |

**Xogħol - 2001/2002**

| | | |
|---|---|---|
| 13. Maltapost | Għoti ta' impjieg | *Magħluq* |
| 14. HSBC | Tkeċċija | *Magħluq* |
| 15. Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Nuqqas fil-paga | *Magħluq* |
| 16. Maltacom | Transfer | *Magħluq* |
| 17. Enemalta | Paga | *Magħluq* |
| 18. Muscular Dystrophy Group | Tkeċċija | *Magħluq* |
| 19. Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma | Kundizzjonijiet tax-xogħol | *Magħluq* |

| | | |
|---|---|---|
| 20. Diviżjoni tas-Saħħa | Transfer | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 21. Maltapost | Parkeġġ riservat fuq il-post tax-xogħol | *Magħluq* |
| 22. Maltapost | Leave tal-mard | *Magħluq* |

**Edukazzjoni - 2000/2001**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Nuqqas ta' facilitator | *Solvut* |
| 2. Skejjel tal-Knisja | Applikazzjoni għal dħul minn student b'diżabilità | *Magħluq* |
| 3 Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' facilitator | *Solvut* |
| 4. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Facilitator full time ma' student b'diżabilità | *Magħluq* |
| 5. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' facilitator/ners | *Magħluq* |
| 6. Ministeru tal-Politika Soċjali | Sapport finanzjarju lil NGOs fil-qasam edukattuv | *Magħluq* |
| 7. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għal ħarġiet edukattivi | *Solvut* |
| 8. Skejjel tal-Knisja | Nuqqas ta' facilitator | *Solvut* |
| 9. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' facilitator | *Solvut* |
| 10. Skejjel tal-Knisja | Applikazzjoni għal dħul minn student b'diżabilità | *Magħluq* |

**Edukazzjoni - 2001/2002**

| | | |
|---|---|---|
| 11. Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Xogħol ta' facilitator | *Magħluq* |
| 12. Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Servizzi edukattivi bi ħlas minn NGOs ssapportjati mill-Gvern | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 13. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Xogħol ta' facilitator | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 14 Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-edukazzjoni | *Magħluq* |
| 15. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Skola Sajf għal studenti b'diżabilità | *Għadu qed jiġi diskuss* |

**Aċċessibilità - 2000/2001**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Kunsill Lokali, Qormi | Rampa ta' garaxx | *Magħluq* |
| 2. Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Solvut* |
| 3. Diviżjoni tas-Saħħa | • Aċċess prinċipali<br>• Aċċess għall-Outpatients u l-Ispizerija<br>• Toilets għall-Outpatients u l-Emergenza | *Solvut*<br>*Solvut*<br>*Għadu qed jiġi diskuss* |
| 4. Michele Peresso | Aċċess għall-Medical Centre | *Il-Qorti* |





| | | |
|---|---|---|
| 5. Bay Street | Aċċess ġenerali | *Solvut* |
| 6. Ministeru tal-Gustizzja | Aċċess għall-Qorti | *Ftehim temporanju* |
| 7. Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar | Permess għal rampa | *Solvut* |
| 8. L-Uffiċċju tal-President | Aċċess għal-lift tal-Palazz | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 9. Bank of Valletta | Fergħa tal-Gżira | *Solvut* |
| 10. Parroċċa tax-Xewkija | Aċċess għall-knisja parokkjali | *Solvut* |
| 11. Kunsill Lokali, Imsida | Aċċess għall-kunsill | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 12. Dipartiment tat-Toroq | Aċċess fi Triq Wignacourt, B'kara | *Magħluq* |
| 13. Kunsill Lokali, Marsa | Aċċess fi Triq Zerafa | *Solvut* |
| 14. Provinċja tal-Frangiskani Minuri | Knisja tal-Qawra | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 15. Technoline | Aċċess għall-ħanut | *Solvut* |
| 16. Invicta | Aċċess għall-ħanut | *Qorti* |
| 17. Medicat | Aċċess għall-ħanut | *Solvut* |
| 18. Paolo Zahra | Aċċess għall-ħanut | *Solvut* |
| 19. Kunsill Lokali, B'kara | Aċċess għall-Kunsill fiċ-Ċentru Ċiviku | *Solvut* |
| 20. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess fl-iskola primarja ta' B'kara | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 21. Kavalier ta' San Ġakbu | Aċċess għall-palk tat-teatru prinċipali | *Arbitraġġ* |
| 22. Dipartiment tat-Toroq | Aċċess fit-Triq K. Galea, B'kara | *Magħluq* |
| 23. Diviżjoni tas-Saħħa u Oħrajn | Aċċess għall-Bini Evans | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 24. Awtorità tat-Trasport u FACES | Aċċess għal bus shelters | *Ftehim temporanju* |
| 25. Bank of Valletta | Ftehim ġenerali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 26. HSBC | Ftehim ġenerali | *Solvut* |
| 27. Kunsill Lokali, Imqabba | Tabella ta' Keep Clear | *Magħluq* |
| 28. Kunsill Lokali, B'kara | Heritage Route | *Solvut* |
| 29. Diviżjoni tas-Saħħa | Parkeġġ fis-CDAU | *Solvut* |
| 30. Awtorità tal-Ippjanar u l-Ambjent | Permess ta' bini li joħloq ostakolu | *Solvut* |
| 31. Università ta' Malta | Aċċess għal Dar l-Istudent | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 32. Kapitlu tal-Kattidral | Aċċess għall-kattidral ta' l-Imdina | *Ftehim temporanju* |
| 33. Dipartiment tat-Toroq | Aċċess fi Triq Moroni, Gżira | *Magħluq* |
| 34. Kavalier ta' San Ġakbu | Ostakolu temporanju | *Magħluq* |
| 35. Dipartiment tat-Toroq | Triq Psaila, B'kara | *Solvut* |
| 36. Diviżjoni tas-Saħħa | Parkeġġ riservat fl-Isptar San Luqa u Sptar Boffa | *Solvut* |

| | | |
|---|---|---|
| 37. Lukanda Phoenicia | Aċċess | *Ftehim temporanju* |
| 38. Maltapost | Aċċess fil-fergħa ta' B'kara | *Magħluq* |
| 39. Ministeru ta' l-Intern | Aċċess għall-entratura prinċipali | *Arbitraġġ* |
| 40. Dipartiment tal-VAT | Aċċess għad-Dipartiment | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 41. Parroċċa tal-Mosta | Aċċess prinċipali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 42. Parroċċa ta' Sant'Elena, B'kara | Aċċess prinċipali | *Ftehim temporanju* |
| 43. Kunsill Lokali, Santa Venera | Aċċess għall-Ġnien Romeo Romano | *Solvut* |
| 44 Lukanda Les Lapins | Aċċessibilità fil-lukanda | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 45. Grands Ltd | Kostruzzjoni ta' rampa privata | *Solvut* |
| 46. Dipartiment tat-Toroq | Triq Hompesch, Fgura | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 47. Università ta' Malta | Aċċess għall-Bini Mikiel Anton Vassalli u lecture halls | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 48. Diviżjoni tas-Saħħa | Aċċess għaċ-Ċentru tas-Saħħa, Gżira | *Għadu qed jiġi diskuss* |

**Aċċessibilità - 2001/2002**

| | | |
|---|---|---|
| 49. Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar | Permess għal-lift minn barra | *Solvut* |
| 50. Casino di Venezia | Aċċess għal Scamp Palace | *Solvut* |
| 51. Ambaxxata Franċiża | Aċċess għall-Ambaxxata | *Solvut* |
| 52. Pulizija ta' Malta | Rampa mill-bankina għat-triq | *Solvut* |
| 53. Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar | Aċċess fl-uffiċini tagħha, Għawdex | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 54. Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess fl-iskola primarja ta' B'kara | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 55. Diviżjoni tas-Saħħa | Użu tal-Karta ta' l-Identità Speċjali | *Solvut* |
| 56. St James Hospital | Aċċess għas-Sliema Eye Clinic | *Ftehim temporanju* |
| 57. Kunsill Lokali, Naxxar | Konsulenza dwar sleeping policeman | *Magħluq* |
| 58. Uffiċċju Elettorali | Nuqqas ta' toilets aċċessibbli fl-uffiċċju elettorali | *Magħluq* |
| 59. Diviżjoni tas-Saħħa | Aċċess għad-Dipartiment tal-Informazzjoni Medika | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 60. Kunsill Lokali Rabat | Aċċess għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani | *Solvut* |
| 61. Paroċċa ta' Ħaż-Zabbar | Aċċess għaċ-ċimiterju | *Ftehim temporanju* |
| 62. Kunsill Lokali, Sliema | Reserved parking | *Magħluq* |
| 63. Kummissarju tal-Pulizija | Aċċess fl-għases li qed jiġu rranġati | *Għadu qed jiġi diskuss* |





| | | |
|---|---|---|
| 64. Parroċċa tal-Mosta | Aċċess għall-oratorju | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 65. Diviżjoni tas-Saħħa | Aċċess għall-Bank tad-Demm, G'Mangia | *Magħluq* |
| 66. Mamma Mia Restaruant | Aċċessibilità | *Għadu qed jiġi diskuss.* |
| 67. Individwu | Aċċess fl-Iskola Primarja, Żejtun | *Magħluq* |
| 68. Parroċċa ta' Għajnsielem | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 69. Parroċċa tal-Għarb | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 70. Paroċċa ta'l-Għasri | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 71. Parroċċa tal-Fontana | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 72. Parroċċa ta' Ħal Kirkop | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 73. Parroċċa ta' Bormla | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 74. Parroċċa tal-Gudja | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 75. Parroċċa ta' Birżebbuġia | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 76. Parroċċa tal-Karkara | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 77. Parroċċa tal-Ħamrun (Kunċizzjoni) | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 78. Kunsill Lokali, Rabat Għawdex | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 79. Kunsill Lokali, Belt Valletta | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 80. Kunsill Lokali, Sliema | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 81. Kunsill Lokali, Żejtun | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 82. Kunsill Lokali, Żurrieq | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 83. Kunsill Lokali, Qormi | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 84. Kunsill Lokali, Mosta | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 85. Kunsill Lokali, Fgura | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 86. J.D. Lifts | Nuqqas ta' aċċessibilità | *Għadu qed jiġi diskuss* |

**Għoti ta' Servizzi u Oġġetti - 2000/2001**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Public Broadcasting Services | Aħbarijiet bil-Lingwa tas-Sinjal | *Solvut* |
| 2. Kummissjoni Elettorali | Vot għall-persuni b'nuqqas intellettwali | *Magħluq* |
| 3. Kummissjoni Elettorali | Vot għall-persuni b'nuqqas ta' vista | *Magħluq* |
| 4. Skola St. Benild | Trasport | *Solvut* |
| 5 Enemalta | Dawl fi triq | *Solvut* |
| 6. Ministeru tal-Politika Soċjali | Servizzi finanzjarji | *Magħluq* |
| 7. Awtorità tad-Djar | Applikazzjoni għall-karta s-safra | *Magħluq* |
| 8. Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità | Parkeġġ riservat | *Magħluq* |

| | | |
|---|---|---|
| 9. Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Pensjoni tal-persuni b'diżabilità | *Magħluq* |
| 10. Awtorità ta' l-Ambjent u l-Ippjanar | Permess għal kamra tal-banju | *Magħluq* |
| 11. Maltapost | Għoli tal-kaxxi ta' ittri | *Solvut* |
| 12. Awtorità tat-Trasport | Għoti ta' parkeġġ riservat | *Magħluq* |
| 13. Kunsill Lokali Ħamrun | Ostakoli fil-parkeġġ riserva | *Solvut* |
| 14. XTC | Servizz bl-SMS | *Solvut* |
| 15. MET | Servizz bl-SMS | *Solvut* |
| 16. SBT | Servizz bl-SMS | *Qorti* |
| 17. RMF | Servizz bl-SMS | *Solvut* |
| 18. HSBC | Għoti ta' self b'rata vantaġġuża | *Solvut* |

**Għoti ta' Servizzi u Oġġetti - 2001/2002**

| | | |
|---|---|---|
| 19. Awtorità tad-Djar | Għajnuna finanzjarja għal modifikazzjoni | *Magħluq* |
| 20. Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Għoti ta' allowance speċjali | *Magħluq* |
| 21. Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Servizz ta' ners fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum | *Magħluq* |
| 22. Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Għoti tal-pensjoni tad-diżabilità | *Magħluq* |
| 23. Ministeru tal-Intern u l-Ambjent | Karozzi tal-linja li jaħdmu bl-elettriku | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 24. Kummissarju tal-Pulizija | Ilment mhux segwit | *Solvut* |
| 25. Enemalta | Servizz tal-gass | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 26. J D Lifts | Installazzjoni ta' lift | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 27. Kunsill Lokali Sliema | Toilets għall-persuni b'diżabilità | *Għadu qed jiġi diskuss* |
| 28. Kunsill Lokali, B'kara | Toilets għall-persuni b'diżabilità | *Għadu qed jiġi diskuss* |

**Assigurazzjoni - 2000/2001**

| | | |
|---|---|---|
| 1 Ġenerali | Premuim | *Magħluq* |
| 2. British American Insurance | Kumpens | *Magħluq* |

**Djar - 2000/2001**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Dipartiment tad-Djar | Applikazzjoni għall-akkomodazzjoni soċjali | *Magħluq* |

**Djar - 2001/2002**

| | | |
|---|---|---|
| 2. Awtorità tal-Ambjent u Ippjanar | Permessi għal djar fil-komunità | *Għadu qed jiġi diskuss* |